# IL-BELT U "L-PARROĊĊA TA' GĦAWDEX"

## *"...la parrocchia di questa Isola del Gozzo sotto l'invocatione di Santa Maria dell'Assuntione..."*

***(Viżta Apostolika ta' Mons. Pietru Dusina fl-1575[1])***

Dun Anthony M. Saliba

Meta nhar il-Ħadd 13 ta' Frar 1575 il-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Dusina rifes fuq Għawdex biex jibda ż-żjara apostolika tiegħu, huwa baqa' sejjer dritt lejn il-*"principalem Ecclesiam Castri dictae Insulae sub invocatione Assumptionis Beatae Mariae"* - il-knisja prinċipali tal-Kastell tal-imsemmija gżira taħt it-titlu tal-Assunzjoni tal-Beata Marija.[2] Waqt l-interrogatorju tiegħu, il-*"parrochus"* - il-kappillan tagħha ta' dak iż-żmien - Don Antonius Attard[3] qal lil Mons. Dusina dawn il-preċiżi kelmiet: *"Io hò **la parrocchia di questa Isola del Gozzo** sotto l'invocatione di Santa Maria dell'Assuntione..."* - "Jien għandi l-parroċċa ta' din il-gżira ta' Għawdex taħt it-titlu ta' Santa Marija Assunta...".[4] Dawn il-kelmiet ta' Don Antonius Attard jindikaw ċar u tond li lejn tmiem is-seklu sittax il-knisja ta' Santa Marija fil-Belt ta' Għawdex kienet il-parroċċa ewlenija tal-gżira, kienet **il-parroċċa ta' Għawdex** u, kif nafu minn fonti oħra, kull attività politika, soċjali u reliġjuża li kienet isseħħ fil-gżira ta' Għawdex f'dawk iż-żminijiet kienet b'xi mod jew ieħor iddur ma' din il-parroċċa u mal-parruċċani tagħha li kienu ġejjin minn kull klassi soċjali tal-komunità Għawdxija.


INSVLAE ME
LITAE DESCRIPTIO
EX COMMENTARIIS RE
RVM QVOTIDIA
NARVM
F. IOAN. QVINTINI HEDVI
AD SOPHVM.
VIRTVTE DVCE, COMITE FORTVNA.
LVGDVNI APVD SEB.
GRYPHIVM,
1536.

L-*Insulae Melitae descriptio* tas-saċerdot Johannes Quintinus Haedus, magħruf ukoll bħala Jean Quintin.
Din hija waħda mill-eqdem deskrizzjonijiet ta' Malta u Għawdex li nkitbet bejn is-snin 1530-1533 u giet ippublikata fl-1536 minn Sebastian Gryphius f'Lyon.
*Kopja miżmuma fin-New York Public Library, 5th ave, NYC.*

Imma tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li d-deskrizzjoni qasira imma ċara u preċiża li jagħti l-*"parrochus"* Attard tal-parroċċa tiegħu lill-Mons. Dusina ma kienetx tgħodd biss għal dawk iż-żminijiet, jiġifieri għat-tmiem tas-seklu sittax. Kif ser naraw f'din il-kitba[5], il-knisja parrokkjali ta' Santa Marija fil-Belt ta' Għawdex kienet ilha l-parroċċa ewlenija u prinċipali tal-gżira sa minn żmien l-iktar qadim.

## Il-Wasla tal-Ordni ta' San Ġwann fil-Gżejjer Maltin

Is-seklu sittax ġab bidla radikali fil-ħajja politika u soċjali tal-Gżejjer Maltin. Dan għaliex fl-1530 l-imperatur Karlu V ta' Spanja għadda l-Gżejjer Maltin u l-belt fortifikata ta' Tripli (fil-Libja tal-lum) lill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

L-Ordni ta' San Ġwann jaf il-bidu tiegħu fis-seklu ħdax meta grupp ta' merkanti mill-Belt ta' Amalfi, fl-Italja, waqqfu ospizju f'Ġerusalemm biex jilqgħu lill-pellegrini. F'dak iż-żmien din il-Belt kienet għadha maħkuma mill-Musulmani. Meta l-Kruċjati rebħu 'l Ġerusalemm fil-15 ta' Lulju 1099, il-membri ta' dan l-ospizju ikkollaboraw kemm felħu mal-Kruċjati u b'hekk twieled l-Ordni tal-Kavallieri, illum imsejħa "ta' Malta". Fil-bidu, il-kariżma tagħhom kienet dik ta' "ospidallieri" għax ma kinux biss jieħdu ħsieb il-morda imma kien ukoll jilqgħu lill-pellegrini li kienu jżuru s-santwarji marbuta mal-ħajja u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu li hemm mifruxa mal-Art Imqaddsa.

Maz-żmien, però, dan l-Ordni bidel surtu u sar wieħed militari. Fil-fatt il-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom taħt il-ħarsien tagħhom mhux inqas minn ħamsin kastell fil-Lvant Nofsani, fosthom il-famuż *Crac des Chevaliers* fis-Sirja.[6] Lejn tmiem is-seklu tlettax, il-Musulmani keċċew lill-Ordni ta' San Ġwann mill-Lvant Nofsani u, minn hemm, stabilixxa ruħu fuq il-gżira ta' Rodi. Kien proprju hawn li l-Ordni sar qawwa marittima qawwija u l-flotta tiegħu bdiet tħarbat ir-rotot kummerċjali li kien hemm bejn l-Imperu Ottoman u l-Eġittu. Is-sitwazzjoni kompliet titgħarraq peress abbord ix-xwieni Ottomani kien ta' sikwit ikun hemm ukoll bosta pellegrini Musulmani fi triqthom lejn il-Mekka. U ħafna minn dawn kienu jispiċċaw ilsiera tal-Kavallieri ta' San Ġwann.[7]

Kien għalhekk li l-Ottomani, wara li rebħu s-Sirja u l-Eġittu fis-snin 1516 - 1517, tefgħu ħarsithom fuq il-gżira ta' Rodi. Fl-1522, is-sultan Suleyman il-Manjifiku laqqa' forza militari enormi u ħabat għal din il-gżira. Wara sitt xhur ta' assedju qalil, il-qawwiet Ottomani rebħu lil Rodi u keċċew lill-Kavallieri minn hemm.[8] B'hekk l-Ordni ta' San Ġwann spiċċa mingħajr dar, jiġġerra min-naħa għal oħra tal-Ewropa.

L-imperatur Karlu V ta' Spanja mill-ewwel offra l-Gżejjer Maltin lill-Kavallieri ta' San Ġwann. Iktar minn kull ħaġa oħra, dan għamlu għax kien fl-interess politiku tiegħu li jkun hemm qawwa militari b'saħħitha f'post strateġiku bħal Malta, f'nofs il-Mediterran. Ma ninsewx li f'dawk iż-żminijiet dan il-baħar kien miżgħud bil-kursara mill-Afrika ta' Fuq, l-iktar minn Tripli, minn Tunes u mill-Alġerija.[9] Il-Kavallieri ma aċċettawx mill-ewwel l-offerta tal-imperatur Karlu. Fl-1524 il-Granmastru ta' dak iż-żmien, Philippe Villiers de L'Isle-Adam, bagħat kummissjoni ta' tmienja min-nies biex iħejjulu rapport dettaljat dwar l-istat li fihom kienu jinsabu l-Gżejjer Maltin.[10] Dan ir-rapport pero' ma kienx wieħed pożittiv. Fir-rapport tagħha, il-kummissjoni tkellmet dwar kemm kienet fqira d-difiża ta' Malta u kemm dawn il-Gżejjer kienu nieqsa mir-riżorsi naturali bħall-ilma. Semmew ukoll li l-għelieqi ta' Malta ma setgħux jipproduċu qmuħ biżżejjed biex jieklu l-istess abitanti tagħhom.[11] Imma l-Kavallieri ta' San Ġwann ma kellhomx ħafna minn fejn jagħżlu u fl-1529 aċċettaw l-offerta tal-imperatur u ddeċidew li jagħmlu minn Malta l-bażi temporanja tagħhom.[12] Dan għaliex f'moħħhom kien għad kellhom il-ħsieb li jirbħu lura u jieħdu mill-ġdid f'idejhom il-gżira ta' Rodi.[13]

Nhar l-23 ta' Marzu 1530, l-imperatur Karlu V ħareġ il-bulla li permezz tagħha għadda b'fewdu l-Gżejjer Maltin u l-belt ta' Tripli lill-Kavallieri San Ġwann. L-aħbar ta' din l-għotja ġiet mogħtija lill-Gran Mastru L'Isle Adam u lis-sittax-il membru tal-Kunsill tal-Ordni nhar is-26 ta' April ta' dik l-istess sena waqt il-laqgħa tal-Kunsill f'Sirakuża. F'laqgħa oħra tal-istess Kunsill, miżmuma fl-istess belt nhar l-24 ta' Mejju 1530, il-bulla ta' Karlu V reġgħet inqrat, ġiet aċċettata uffiċjalment u rreġistrata fl-atti tal-Ordni.[14] B'hekk intemmet mill-Gżejjer Maltin il-ħakma twila tal-Aragoniżi u dawn il-Gżejjer għaddew formalment f'idejn il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Il-Granmstru L'Isle Adam wasal Malta nhar is-26 ta' Ottubru 1530[15] u għamel l-ingress sollenni tiegħu fil-Belt tal-Imdina nhar it-13 ta' Novembru ta' dik l-istess sena[16].

Skont l-istoriku Għawdxi Gian Piet Frangisk Agius de Soldanis, fl-ewwel ġranet tiegħu f'Malta, il-Granmastru L'Isle Adam żar anke lil Għawdex. De Soldanis jgħidilna li meta kien Għawdex il-Granmastru kien qagħad għand in-nobbli Indri Mannara.[17]

U tajjeb hawn nistaqsu: x'sabu l-Kavallieri ta' San Ġwann meta rifsu fuq Għawdex għall-ewwel darba fl-1530?

Fl-1536, mela sitt snin wara l-wasla tal-Ordni f'Malta, ġiet ippublikata ġewwa Lyons, fi Franza l-*Insulae Melitae descriptio* mis-saċerdot Johannes Quintinus Haedus, magħruf ukoll bħala Jean Quintin. Dan is-saċerdot kien ukoll kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann u aktarx li wasal Malta fil-5 ta' April 1530 (mela qabel il-wasla tal-istess Granmastru f'Malta) u dam jgħix fuq il-Gżejjer tagħna sal-1536.[18] Din l-*Insulae Melitae descriptio*, li hija waħda mill-eqdem deskrizzjonijiet ippublikata ta' Malta u Għawdex[19], inkitbet bejn is-snin 1530-1533[20], u kienet ippubblikata, kif għidna fuq, tliet snin wara ġewwa Lyon fl-1536 minn Sebastian Gryphius. Dan ifisser li Jean Quintin tana deskrizzjoni ta' kif dehru f'għajnejh, u probabilment f'għajnejn il-Kavallieri sħabu, il-Gżejjer Maltin fil-bidu nett tal-wasla tal-Ordni f'Malta. Din il-kitba tinkludi wkoll mappa kemm ta' Malta kif ukoll ta' Għawdex li aktarx saret minn Jean Quintin innifsu.[21]

Wara li jitkellem fit-tul dwar Malta, dwar il-Maltin, id-drawwiet u anke t-twemmin tagħhom, Jean Quintin idur biex jgħid xi ħaġa fil-qosor dwar Għawdex. Jibda billi jgħid li d-distanza ta' bejn Malta u Għawdex mhix itwal minn ħames mili. Isemmi li Għawdex hu gżira tabilħaqq ċkejkna, suġġetta għall-gvern ta' Malta u l-art tagħha hija waħda ferm fertili. Imbagħad jikteb tagħrifa qasira dwar il-Belt ta' Għawdex u jgħid: *"In hac* ***oppidulum****, ad cuius portam adstrucrtum est inter ceteros lapides marmoris fragmentum, uetus*

*insulae nomen indicans."*[22] Jgħidilna, mela, li fuq il-gżira ta' Għawdex kien hemm belt ċkejkna li mal-bieb tagħha kien hemm framment tal-irħam flimkien ma' ġebel ieħor li jindika l-isem il-qadim tal-gżira. U hawn Jean Quintin jibda jitkellem dwar l-iskrizzjoni ta' Marcus Vallius Rufus tat-tieni seklu AD u li għadha teżisti sal-lum.[23] Dan l-*"oppidulum"* li fuqu jitkellem Jean Quintin huwa dik l-istruttura iffortifikata fin-nofs preċiż ta' Għawdex li aħna llum insejħu "iċ-Ċittadella" u li kienet magħrufa minn kulħadd bħala "il-Belt ta' Għawdex – titlu msaħħaħ fl-10 ta' Ġunju 1887 f'għeluq il-ħamsin sena minn meta r-Reġina Victoria telgħet fuq it-tron tal-Imperu Ingliż.[24]



Il-Belt il-qadima ta' Għawdex, illum imsejħa "iċ-Ċittadella" u l-Knisja Matriċi, Kolleġġjata Insinji u Katidrali ta' Santa Marija li fis-seklu 16 kienet tissejjaħ *"il-parroċċa ta' Għawdex".*
Ritratt ta' Michele Farrugia, ċirca 1920.
*(Kollezzjoni ta' Dun Anthony M. Saliba)*

L-*"oppidulum"* – il-Belt ċkejkna – li żar u kiteb dwarha Jean Quintin kienet ferm differenti minn kif narawha llum, b'dawk is-swar sbieħ u għoljin li nbnew snin wara.[25] Il-Belt ta' Għawdex f'nofs is-seklu sittax kienet ġejja għat-tond, kienet xi ftit ikbar u iktar baxxa fuq in-naħa tan-nofsinhar. L-istoriku tal-Ordni ta' San Ġwann Giacomo Bosio ħalla bil-miktub kif il-membri tal-Kummissjoni li l-Granmastru L'Isle Adam bagħat f'Malta u Għawdex fl-1524 iddeskrivew il-Belt ta' Għawdex: *"Che la sua Fortezza unica, e sola, era molto piccola, posta fra terra, e di forma rotonda, e sopra un piccolo, et eminente colle, o scoglio di tufo edificata; impotente et inhabile a poter resistere ad ogni picciola Armata; dentro della quale pochissima Artigliaria si trovava."*[26] L-artist Matteo Perez D'Aleccio (1547-1628) ħallielna disinn ta' kif kienet il-Belt ta' Għawdex fis-seklu sittax f'waħda mill-inċiżjonijiet dwar l-Assedju l-Kbir ta' Malta tal-1565, taħt l-isem ta' *Pianta Della Citta Vecchia di Malta et Della Fortezza Dell Gozo.* Dan id-disinn iġib id-data tal-1582.[27]



Disinn tal-Belt ta' Għawdex kif kienet fis-seklu sittax tal-artist Matteo Perez D'Aleccio (1547–1628). Dan id-disinn hu msejjaħ *Pianta Della Citta Vecchia di Malta et Della Fortezza Dell Gozo* u jġib id-data tal-1582. *(Ara: A. F. Lucini – N. Allegri – M. da Leccio, Disegni della guerra, assedio et assalti dati dall'armata turchesca all'isola di Malta l'anno MDLXV, sotto il governo di Fr. Gio.Parisotto di Valletta, Gran Maestro, dipinsi già nella gran sala del palazzo di Malta da Matteo Perez d'Aleccio et hora intagliati... da Anton Fran(ces)co Lucini Fiorent(in)o, Roma 1631). Kollezzjoni ta' Dun Anthony M. Saliba*

## Il-Belt iffortifikata ta' Għawdex

Fis-seklu sittax, din id-daqxejn ta' Belt f'nofs il-gżira ta' Għawdex, bil-problemi u l-limitazzjonijiet kollha tagħha, kienet iċ-ċentru tal-ħajja soċjali, politika u reliġjuża tal-gżira ta' Għawdex. U dan ma kienx hekk biss fis-seklu sittax. Dan kien ilu hekk sa minn żmien il-qedem, sa minn żmien il-Preistorja. L-iskoperti arkeoloġiċi li saru f'dawn l-aħħar snin fiċ-Ċittadella juruna biċ-ċar li din l-għolja kienet aktarx diġà abitata kemm fi żmien il-Fażi ta' Ħal Tarxien (3150-2500 BC) kif ukoll f'dik ta' Ħal Saflieni (3300-3000 BC). Nafu b'ċertezza li fi Żmien il-Bronż (c. 3200-600 BC), l-Għawdxin kienu diġà jgħammru fuq din l-għolja, l-iktar dawk

tal-Fażi ta' Borġ in-Nadur.[28] Nafu li dawn in-nies kienu okkupaw għoljiet oħrajn f'Għawdex, bħal dik tan-Nuffara, fil-Lvant tal-gżira.[29] Dan għamluh għal skopijiet ta' difiża għax in-nies tal-Fażi ta' Borġ in-Nadur kienu nies tal-gwerra u riedu jiddefendu ruħhom.[30] L-għolja li fuqha hemm mibnija l-Belt il-qadima ta' Għawdex hija perfetta għal dan il-għan. F'dawn iż-żminijiet bikrin din l-għolja kienet ukoll meqjusa bħala mkien sagru fejn l-Għawdxin kienu jqimu u jagħtu ġieħ lill-allat tagħhom. Dan jiġi ppruvat mill-istruttura msejħa *"bothros"* li nstabet dan l-aħħar meta kien qiegħed isir il-pavimentar il-ġdid fil-pjazza tal-Katidral.[31] Kienu wkoll aktarx dawn in-nies ta' Żmien il-Bronż li bnew għall-ewwel darba s-swar biex iħarsu l-Belt tagħhom, aktarx fuq in-naħa l-iktar baxxa tal-għolja li tħares lejn in-Nofsinhar.

Wara n-nies ta' Żmien il-Bronż ġew il-Feniċi[32] u, imbagħad, il-Kartaġiniżi[33] li lkoll għażlu lil din l-għolja fin-nofs ta' Għawdex biex jgħammru fuqha. Fis-sena 218 BC, wara t-tieni gwerra Punika, waslu r-Rumani fil-Gżejjer Maltin.[34] Kien f'dan iż-żmien li l-Belt ta' Għawdex bdiet tikber u qabżet il-konfini tal-għolja. Bini ġdid beda tiela' madwar l-għolja, il-barra mis-swar. B'hekk tnissel subborg għall-Belt waqt li l-għolja baqgħet isservi bħala akropoli[35], bit-tempji ddedikati lill-allat li kienu jqimu l-Għawdxin f'dawk iż-żminijiet. Ir-Rumani sejħu lill-Belt ta' Għawdex bl-isem ta' *Gaulos oppidum*.

Żmien ir-Rumani kien żmien ta' paċi – żmien il-*Pax Romana* – u dan kompla għen biex din il-Belt ta' Għawdex tikber u tiżviluppa. Iżda hekk kif il-qawwa ta' Ruma bdiet tbatti, Malta u Għawdex għaddew f'idejn il-Biżantini bejn is-snin 535-870 AD.[36] Dan kien żmien ta' taqlib politiku u soċjali kbir u l-Għawdxin ħassew il-bżonn li jerġgħu jfittxu l-kenn tal-għolja imdawwra bis-swar minħabba l-biża' tal-attakki mill-għedewwa. Iktar u iktar inħass dan il-bżonn wara Awwissu tat-870 AD, meta l-Gżejjer Maltin għaddew f'idejn l-Għarab.[37] Kienu dawn li sejħu lill-Belt ta' Għawdex bl-isem ta' *Mdina*[38] waqt li l-bini li kien hemm 'il barra mill-ħitan tal-Belt sejħulu *Rabat*[39]. It-terminu *"rabat"* ġej mill-Għarbi *"rabad"* (*Roq, ba, dod*), bl-aċċent fuq l-ewwel "a" u jfisser "ħajt", "sur tal-belt" jew "abitanti li joqogħdu 'l barra mill-belt". B'dan il-mod, l-isem "Rabat", kif użat f'Għawdex, ifisser "subborg", lokalità abitata 'l barra mis-swar tal-Belt.[40]

Din il-Belt ċkejkna baqgħet dejjem iċ-ċentru tal-ħajja politika, soċjali u reliġjuża tal-poplu ta' Għawdex. Fir-rapport tiegħu tal-1241 lir-Re Federiku II, Gilbertus Abate jikteb li fil-Belt ta' Għawdex kien hemm mitħna tal-mixi bi tlett iħmir, żiemel tal-ġarr u faħal: *"Et in centimulo castri Gaudisii sunt asini tres, roncinus unus et asinus unus stallonus."*[41] Din it-tagħrifa hija prova ċara li din kienet belt fil-veru sens tal-kelma, belt miftuħa għal kulħadd u mhux xi struttura ifortifikata riservat għal xi ftit privileġġjati. Fl-1283 insibu lill-merċenarju Katalan Roman Muntaner jitkellem dwar il-Belt ta' Għawdex. Dan isejħilha bit-terminu *"vila"*, jiġifieri "belt" u ma jonqosx milli jsemmi wkoll ir-Rabat, is-subborg tagħha, ir-*"raval"*. Jgħidilna wkoll li fil-Belt kien hemm *"castell"* – "kastell" jew "torri" – li kien ħaġa waħda mal-Belt.[42] Dan il-kastell aktarx baqa' fil-memorja tal-poplu Għawdxi bl-isem ta' *Borg Gheritu*, liema isem hu aktarx marbut ma' Margaritus ta' Brindisi, l-aħħar *ammiratus ammiratorum* ta' Sqallija, li fl-1192 kien sar l-ewwel Konti ta' Malta u Għawdex.[43] F'dan il-*"castell"* kien hemm aktarx il-mitħna tal-mixi li kien semma qablu Gilbertus Abate, kien hemm il-kwartieri tal-kastellan u kien hemm ukoll il-ħabs mimli insetti moqżieża li fih inqafel l-awtur tal-poeżija bil-Grieg *Tristia ex Melitogaudo* f'xi żmien bejn l-1135 u l-1151[44].

Kien ukoll f'dan il-*"castell"* li, nhar il-Ħadd 8 ta' Frar 1299, il-*"miles"* Guglielmo di Malta, viċi-konti ta' Malta, għamel it-testment tiegħu.[45] Kif ktibna s-sena l-oħra (2019), it-testment ta' Guglielmo di Malta jagħtina tagħrifa importantissima marbuta mal-istorja tal-Knisja Nisranija f'Għawdex. Dan għaliex fil-bidu nett ta' dan id-dokument, illum miżmum fl-Arkivju tal-Kuruna ta' Aragona, f'Barcellona, naqraw li Guglielmo di Malta, qabel għamel it-testment tiegħu, *"...recepto prius sacrosancto ministerio corporis et sanguis domini nostri Ihesu Christi..."* - irċieva l-Ġisem u d-Demm tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, irċieva l-Vjatku.[46] Din it-tagħrifa tindika biċ-ċar li lejn tmiem is-seklu tlettax, fil-Belt ta' Għawdex kien hemm knisja parrokkjali għax il-Vjatku jista' jitwassal biss għand il-moribond minn knisja li tkun parroċċa. U minn dan id-dokument nifhmu wkoll li l-għeruq ta' din il-parroċċa msemmija fit-testment ta' Guglielmo di Malta aktarx li kienu mħawla fi żmien il-Biżantini. Tant huwa hekk li fl-1299 kienet għadha aktarx tiċċelebra l-liturġija tagħha bir-rit Biżantin u l-Vjatku għand il-moribond twassal biż-żewġ speċi tal-Ħobż (l-Ostja) u l-Inbid kif inhu preskritt li jsir fir-rit Biżantin.[47]

## Il-Parroċċa fl-*"oppidulum"* ta' Għawdex

M'hemm l-ebda dubju li din li għandna fit-testment ta' Guglielmo di Malta hi referenza ċara għall-knisja parrokkjali ta' Santa Marija li nsibu fil-Belt il-qadima ta' Għawdex – iċ-Ċittadella – u

li l-Papa Beatu Piju IX, fl-1864, għażel biex tkun il-Knisja Katidrali tad-djoċesi ta' Għawdex li kien għadu kif waqqaf. Mhux magħruf meta twaqqfet din il-parroċċa. Il-poeżija *Tristia et Melitogaudo* li semmejna fuq tagħtina ħjiel ċar li lejn is-sena 1135 f'Għawdex kien hemm diġà komunità stabbli ta' nsara li kellhom anke isqof jieħu ħsiebhom. Fil-fehma ta' Mons. Joe Bezzina, espert fl-istorja tal-Knisja f'Għawdex, "dan id-dokument huwa l-eqdem xhieda dokumentata ta' influwenza Biżantina-Griega fuq il-knisja post-normanna f'Għawdex" u jurina wkoll li, għad-differenza ta' dak li ġara ġewwa Malta, il-fidi nisranija f'Għawdex ma qatgħet qatt. U dawk l-insara li r-Re Ruġġieru II sab f'Għawdex kienu d-dixxendenti tal-insara Biżantini Griegi Għawdxin li kien hemm fuq il-gżira qabel il-wasla tal-Għarab fis-sena 870.[48]

L-awtur tat-*Tristia et Melitogaudo*[49] jgħidilna wkoll li meta r-Re Ruġġieru II (1095-1154), iben il-magħruf Konti Ruġġieru (1071-1101), ġie Għawdex f'Lulju tal-1127, hu sab li l-insara ta' dik il-gżira kienu ħallew "il-Patt l-Antik" li kellhom mal-ħakkiema tagħhom l-Għarab. L-istess Re, imbagħad, biddel il-moskej li kien hemm fi knejjes insara.[50] L-istoriċi Joe Busuttil, Stanley Fiorini u Horatio C. Vella, li studjaw fil-fond u ppublikaw dan id-dokument, jgħidulna li l-awtur ta' din il-poeżija aktarx li qiegħed jirreferi għall-knisja parrokkjali ta' Santa Marija fl-*"oppidulum"* ta' Għawdex. Dan għaliex din il-knisja, imsemmija għad-*"Dormitio"* ("ir-Raqda", jiġifieri l-Mewt) u l-Assunzjoni tal-Madonna fis-Sema, sa minn dejjem kienet meqjusa bħala "il-Matriċi", "il-Knisja Omm", "il-Knisja il-Kbira" u "il-Parroċċa ta' Għawdex". U dawn l-awturi ma jeskludux ukoll il-possibiltà li din il-knisja parrokkjali setgħet serviet saħansitra ta' knisja Katidrali kemm għal Għawdex kif ukoll għal Malta f'dawk iż-żminijiet bikrin meta f'Malta ma kienx hemm insara biżżejjed.[51] Ma ninsewx li skont ir-rapport tal-1241 ta' Gilberto Abate li diġà semmejna fuq, il-maġġoranza tal-Għawdxin kienu nsara f'nofs is-seklu tlettax. Filfatt, waqt li f'Malta mis-753 familja li kien hemm, 47 biss kienu nsara, mit-366 familja li kien hemm Għawdex, 203 kienu nsara. Dan ifisser li iktar min-nofs tal-popolazzjoni Għawdxija kienet nisranija.[52] U dawn l-insara Għawdxin kienu miġbura madwar il-knisja parrokkjali tagħhom ta' Santa Marija fil-Belt tagħhom 'il ġewwa mis-swar.

Mal-medda tas-snin, il-fidi nisranija f'Għawdex kompliet tissaħħaħ u l-komunità ta' nsara kompliet tikber. Bil-mod il-mod bdew jiżdiedu wkoll l-imkejjen tal-kult nisrani. Fil-kampanja Għawdxija tfaċċaw kappelli żgħar mibnija ġol-għerien, imsejħa "trogloditi". Dawn kien ikollhom ix-xbiha tal-qaddis jew il-qaddisa titulari mpittra fuq il-ħajt. Id-daħla tal-għar, imbagħad, kienet tkun magħluqa b'ħajt tal-ġebel tas-sejjieħ imbattam. Fil-kappella kien ikun hemm ukoll l-artal u fil-festa titulari kien imur xi qassis biex iqaddes il-quddiesa.

F'Għawdex għandna l-ħjiel ta' tlieta minn dawn il-kappelli trogloditi. Insemmu l-knisja ċkejkna tal-Lunzjata fil-Wied tas-Saqqajja fit-trufijiet tar-Rabat li kienet twaqqfet b'titlu ta' ġuspatronat irjali b'fondazzjoni mħollija minn Donna Sibilla (Solimella) d'Aragona u li tissemma diġà fl-1347. Fl-1370 din il-kappella bdiet tagħmel parti minn benefizzju reġju u kienet taqa' taħt ir-re ta' Sqallija peress li f'dawk iż-żminijiet il-gżejjer tagħna kienu taħt il-ħakma Aragoniża.[53] Mhux bogħod mill-kappella tal-Lunzjata, li għadha teżisti sal-lum, kien hemm oħra ddedikata lil San Ġużepp, fl-inħawi storiċi ta' Għar Gerduf. It-tielet kappella troglodita li għandna ħjiel tagħha f'Għawdex kienet dik ta' Santa Dminka fl-idwar tal-Għajn il-Kbira u x-Xlendi.[54]

Ma' dawn il-knejjes antiki Għawdxin nistgħu nsemmu wkoll dik ta' Santa Marija tal-Qala, imżejna b'ħafna leġġendi li jixhdu għall-qedem tagħha u li, bħal dik tal-Lunzjata, għadna ngawduha sal-lum[55], u l-oħra ddedikata wkoll lil Santa Marija fuq il-gżira ta' Kemmuna: *"En la dicta isola e' una chiegia che a nome Sancta Maria"*, kif insibuha msemmija fil-Portulan *Lo Compasso di Navigare* tal-1296[56]. Din il-knisja ċkejkna, li fl-1296 kienet diġà qadima biżżejjed biex tagħti l-isem lill-bajja fejn kienet tinsab (*"la dicta Gala de Sancta Maria de Comino"* kif naqraw fl-istess Portulan), illum insibuha ddedikata lir-Ritorn tas-Sagra Familja mill-Eġittu. Bħal dawn l-imkejjen ta' kult nisrani żgur li kien hemm oħrajn li nqerdu u l-memorja tagħhom illum intilfet għal kollox.

Dawn il-knejjes ċkejknin mifruxin mal-kampanja Għawdxija juruna li l-popolazzjoni tal-gżira kienet b'xi mod jew ieħor mifruxa mal-gżira kollha. Imma m'hemmx dubju li ċ-ċentru ta' kull attività politika, soċjali u reliġjuża baqa' dejjem fil-Belt iffortifikata fil-qalba tal-gżira.

Lejn is-sena 1350 seħħ żvilupp importanti fil-ħajja politika u soċjali ta' Għawdex. F'dawk iż-żminijiet twaqqfet l-*Universitas Gaudisii* – l-Università ta' Għawdex. Dan kien gvern muniċipali għal Għawdex, awtonomu minn dak ta' Malta, u qabel il-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann fl-1530 kien saħansitra irrappreżentat minn konslu ġewwa Palermo. L-*Universitas* kienet responsabbli għat-tmexxija ta' Għawdex, b'mod partikulari d-difiża,

il-manutenzjoni tal-fortifikazzjonijiet u l-ħażna tal-qamħ.[57] Dan il-gvern lokali kien immexxi mill-*Capitano della Verga*, magħruf mill-poplu bħala "il-Ħakem" u kien ikun mgħejjun minn erba' ġurati.[58] Kien hemm karigi oħra bħat-teżorier, il-*"magazziniere"* (bl-ingliż, *"storekeeper"*) u tliet imħallfin.[59] Is-sede ta' din l-istituzzjoni, il-*Banca Giuratale*, kienet fil-Belt ta' Għawdex 'il ġewwa mis-swar[60], kif nosservaw mil-*Capitula* ta' Għawdex tal-1443.[61] Dawn il-*Capitula* kienu jkunu ġabra ta' petizzjonijiet li l-*Universitas Gaudisii* kienet tressaq lir-Re ta' Sqallija bil-għan li ttejjeb il-livell tal-ħajja tal-Għawdxin.[62] Mat-twaqqif tal-*Universitas*, il-Belt iffortifikata ta' Għawdex bdiet tissejjaħ *"terra"* filwaqt li l-gżira ta' Għawdex bdiet tissejjaħ *"terra et insula"* - "il-Belt u l-Gżira ta' Għawdex".[63]

U fejn kienu jgħixu l-Għawdxin f'dawn iż-żminijiet? Jekk niflu t-testmenti li hemm miġbura fir-*Registrum Fundationum* li saru bejn l-1435 u l-1545, ninnutaw li 25 biss minnhom ġew magħmula minn persuni li ma kinux jgħixu 'l ġewwa mill-ħitan tal-Belt tal-gżira. It-testmenti l-oħra huma kollha magħmula minn persuni deskritti bħala *"habitator"* jew *"habitatrix terre Gaudisii"*. Dan ifisser li 75% tal-popolazzjoni ta' Għawdex, li dak iż-żmien kienet tlaħħaq mas-6000 ruħ, kienu jgħixu ġewwa l-Belt. Dan il-persentaġġ jissarraf f'4500 ruħ[64] u juri biċ-ċar kemm tassew din il-Belt, kif diġà għidna fuq, kienet tiġbor madwarha lil kulħadd u ma kinitx, kif xi drabi ntqal b'mod kompletament żbaljat, xi struttura fortifikata riservata għall-ftit li kellhom f'idejhom is-setgħa politika u/jew reliġjuża. Tant hu hekk li, minn żmien għal żmien, ma kinux jonqsu l-kwistjonijiet bejn il-bejjiegħa Għawdxin fuq il-bejgħ tal-prodotti tagħhom 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt.[65]

Anke l-ħajja reliġjuża tal-poplu ta' Għawdex kompliet tikber u tiżviluppa, minkejja d-diffikultajiet li l-poplu kien ikollu jħabbat wiċċu magħhom minn żmien għal żmien. Tant hu hekk li fil-bidu tas-seklu ħmistax lill-knisja parrokkjali ta' Għawdex 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt kien qiegħed jinbnielha kampnar ġdid[66], kif naqraw fit-testment ta' Pino de Peregrino datat 1424 jew 1427: *"Item legavit operi campanilis* ***sancta maioris ecclesie*** *tempore quo fiet edificatio dicti campanilis..."*.[67] Tgħid dan il-kampnar kien qiegħed jinbena minflok il-minaret qadim li kien ilu hemm sa minn dak iż-żmien ta' meta din il-knisja kienet għadha l-moskea ta' żmien l-Għarab? Interessanti ħafna wkoll hu l-fatt li f'dan iż-żmien din il-knisja kienet tissejjaħ is-*"sancta maioris ecclesie"*, mela kienet il-knisja ewlenija u prinċipali ta' Għawdex. Ta' min jgħid ukoll li, skont dokument tas-16 ta' Frar 1398, il-festa titulari ta' din il-parroċċa ewlenija, l-Assunzjoni tal-Madonna fis-Sema jew "Santa Marija ta' Nofs Awwissu" (kif kienet magħrufa fl-antik kemm f'Malta kif ukoll fi Sqallija) kienet diġà tgawdi popolarità kbira fost l-Għawdxin tant li nistgħu ngħidu li kienet diġà l-festa ewlenija tal-gżira.[68]

## Il-Matriċi fil-Belt u l-parroċċi tar-Rabat



Il-Belt u bl-*"Ecclesia Maioris"* ta' Santa Marija, il-Parroċċa ta' Għawdex, fin-nofs tagħha, kif tidher fil-Kwadru Titulari tal-Knisja ta' Savina li kien irregalat lil Savina mill-Gvernatur ta' Għawdex Fra Riccardo de Nini Claret fl-1622. Ta' min jinnota li l-Knisja tal-Belt kienet għadha bil-kampnar li jissemma li kien qiegħed jinbena fil-bidu tas-seklu ħmistax - fl-1424 jew fl-1427. *(Ritratt ta' Daniel Cilia)*

Ftit snin wara, fl-1435, din l-*"ecclesia maioris"* tal-Belt ta' Għawdex insibuha msejħa bħala *"Sancte Marie Matricis Ecclesie"* - il-Knisja Matriċi ta' Santa Marija.[69] Din it-tagħrifa hija ta' importanza kbira għall-istorja tal-Knisja Nisranija f'Għawdex għaliex turina li fl-1435 mill-parroċċa ta' Santa Marija fl-*"oppidulum"* ta' Għawdex kienet diġà tnisslet tal-inqas parroċċa oħra. Ma nistgħux ngħidu liema kienet l-ewwel parroċċa li tnisslet mill-parroċċa ta' Santa Marija tal-Belt. Li nafu hu li fid-dokument tal-Ġublew tal-1450 hemm imsemmija tliet parroċċi Għawdxin: dik Matriċi ta' Santa Marija imsejħa *intra*, "ta' ġewwa" (jiġifieri ta' ġewwa l-ħitan tal-Belt), dik ta' San Ġakbu u l-oħra ta' San Ġorġ. Jissemmew ukoll ma' dawn it-tliet knejjes parrokkjali żewġ knejjes oħra li ma kinux parrokkjali: ta' Sant'Wistin u ta' San Pietru.[70] Taqta' l-knisja Matriċi ta' Santa Marija, l-erba' knejjes l-oħra msemmija f'dan id-dokument kienu mibnija 'l barra mis-swar, mela fis-subborg tal-Belt li, kif għidna fuq, fi żmien l-Għarab beda jissejjaħ "ir-Rabat". Il-knejjes ta' San Ġakbu u ta' San Ġorġ kienu knejjes parrokkjali, dik ta' Sant' Wistin kienet f'idejn il-patrijiet Agostinjani u l-knisja ta' San Pietru kienet wieqfa fiċ-ċimiterju tal-Knisja Matriċi ta' Santa Marija tal-Belt li kien hemm Fuq it-Tomba[71], illum magħrufa wkoll bħala Pjazza Sant'Wistin. Dan iċ-ċimiterju kien jinsab fejn illum hemm mibni l-Oratorju Don Bosco.[72] Ninnutaw li l-knisja parrokkjali ta' Santa Marija tal-Belt tissemma l-ewwel waħda. Warajha tissemma

l-knisja parrokkjali ta' San Ġakbu u mbagħad dik ta' San Ġorġ. Dawn it-tliet knejjes parrokkjali ma jissemmewx f'din l-ordni bl-addoċċ imma, milli jidher, skont il-preċedenza. Tant hu hekk li l-ewwel jissemmew it-tliet knejjes parrokkjali, imbagħad il-knisja tal-patrijiet Agostinjani u fl-aħħar il-knisja fiċ-ċimiterju. Il-loġika twassalna biex nikkonkludu li mela anke t-tliet parroċċi msemmija f'dan id-dokument ġew imqiegħda skont l-ordni tal-preċedenza li kienu jgawdu f'dak iż-żmien, liema preċedenza aktarx li kienet mibnija fuq l-anzjanità tagħhom: l-ewwel dik ta' Santa Marija fil-Belt, li, kif diġà rajna fuq, sa mill-1435 kienet magħrufa bħala l-*"Matricis Ecclesie"*, imbagħad dik ta' San Ġakbu u warajha dik ta' San Ġorġ, it-tnejn parroċċi fir-Rabat.

Waqt li 'l ġewwa mill-ħitan tal-Belt kien hemm il-parroċċa Matriċi ta' Santa Marija, fis-subborg tagħha, fir-Rabat, kien hemm tliet *"paroeciae"* - parroċċi - oħra. Id-dokument tal-Ġublew tal-1450 isemmi dawk ta' San Ġakbu u ta' San Ġorġ. L-eqdem ħjiel li għandna tal-parroċċa ta' *Sancti Iacobi* - ta' San Ġakbu - jeħodna lura għas-sena 1449[73] u s-sena ta' wara, fl-1450 kif diġà għidna fuq, lil din il-parroċċa nsibuha msemmija qabel dik ta' *Sancti Georgii* - ta' San Ġorġ, li dan hu l-eqdem ħjiel li għandna tagħha sa issa. Imma aħna nafu li kien hemm knisja parrokkjali oħra fir-Rabat f'dawn iż-żminijiet bikrin, dik ta' *Sanctae Mariae Savina* - ta' Santa Marija ta' Savina, iddedikata lit-Twelid tal-Madonna li l-eqdem ħjiel li għandna tagħha jmur lura għall-1479.[74] Dawn it-tliet knejjes tar-Rabat kienu fl-istess post fejn għadna nsibuhom illum. Tajjeb hawn li ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwarhom.



Il-Knisja ta' Santa Marija ta' Savina – waħda mit-tlett parroċċi medjuvali (aktarx l-eqdem waħda) li kien hemm 'il barra mill-ħitan tal-Belt, fis-subborg tal-Belt, fir-Rabat. *(Ħajr lill-Kan. John Meilak)*

Nibdew mill-knisja parrokkjali ta' Santa Marija ta' Savina. Din kienet fl-istess post fejn tinsab illum imma, kif naqraw fl-istorja ta' din il-knisja miktuba u ppubblikata minn Mons. Luigi Vella u Mons. Pawlu Cauchi, "il-bieb tagħha l-kbir kien iħares lejn il-pjazza żgħira fil-bidu tal-Mandraġġ."[75] Kienet din il-knisja, mela, li tat l-isem lit-triq antika u storika "tal-Mandraġġ", magħrufa sal-lum bħala "Triq Santa Marija". Isem din it-triq mhux marbut, kif jaħsbu ħafna, man-niċċa bl-istatwa sabiħa ta' Santa Marija Assunta li hemm fil-bidu tagħha. Din l-istatwa saret ħafna snin wara, fl-1850, u oriġinarjament kienet imqiegħda f'kantuniera ma' triq oħra li allura ġiet imsemmija għal din l-istatwa: Triq l-Assunta. Dari n-nies tar-Rabat kienu jsejħu 'l din it-triq bħala "in-Niżla ta' Finda".[76] Fit-testment ta' Johannes Kinzi, li jġib id-data tat-28 ta' Frar 1517, l-abitazione tat-testatur hija deskritta hekk: "...*apud domum habitationis Johannis Kinzi existentem in Rabato in* ***parrochia Sancte Marie Savina.***"[77] Fit-testment ta' Petrus Pontremoli, imbagħad, datat it-28 ta' Diċembru 1520, naqraw: "*Item reliquit et legavit* ***Ecclesie Matriċi dicte terre Gaudisii*** *unam clausuram terre aratorie sitam et positam* ***in Rabato dicte terre*** *in* ***parrochia Sancte Marie de Savina***..."[78] F'dan id-dokument m'għandniex biss referenza għall-Knisja Matriċi "tal-imsemmija Belt ta' Għawdex", imma jissemma wkoll "ir-Rabat (is-subborg) tal-imsemmija Belt" u "l-parroċċa ta' Santa Marija ta' Savina". Mela m'hemmx dubju li Santa Marija ta' Savina kienet knisja parrokkjali bit-territorju tagħha, bħal kull parroċċa oħra.

It-tieni parroċċa tas-subborg tal-Belt kienet dik ta' San Ġakbu li tissemma fid-dokument tal-Ġublew tal-1450, it-tieni waħda fil-preċedenza wara l-Matriċi ta' Santa Marija fil-Belt.[79] Anke din il-knisja kienet tinsab fl-istess post fejn tinsab illum: "*in theatro rabbati*"[80] jew "(*in*) *pretorium dicte terre*"[81], jiġifieri fit-Tokk. Fit-testment ta' Jacobo de Miraglia tat-3 ta' Marzu 1519, din il-knisja tissejjaħ *Ecclesiam Sancti Jacobi Rabbati*[82]. Bħal Savina, din il-knisja kienet waħda parrokkjali fil-veru sens tal-kelma u kellha anke t-territorju parrokkjali tagħha: "*parochia quarterii dicti Rabati.*"[83]

It-tielet parroċċa fir-Rabat kienet dik imsemmija għal San Ġorġ li, kif diġà għidna fuq, tissemma fid-dokument tal-Ġublew tal-1450, fit-tielet post.[84] Fit-testment ta' Perna Gamichi tas-7 ta' Mejju 1480, din il-knisja nsibuha msejħa bħala *Ecclesie Sancti Georgii de Rabbato Gaudisii*[85], waqt li f'dak ta' Johannes Bonnici tat-28 ta' Settembru 1506 tissejjaħ *Ecclesie Sancti Georgii parrochiali Rabbati Gaudisii*[86]. Din it-tielet parroċċa kellha porzjon mir-Rabat bħala t-territorju tagħha, kif kellhom Savina u San Ġakbu.

Minn dak kollu li għidna joħroġ biċ-ċar li dawn it-tliet knejjes kienu parrokkjali fil-veru sens tal-kelma għax kellhom il-kappillan tagħhom, kellhom it-territorju tagħhom u kellhom il-parruċċani tagħhom. Kull waħda minn dawn it-tliet parroċċi kellha parti mir-Rabat - *"quarterii Rabati"* - bħala territorju tagħha.

Min-naħa l-oħra, il-parroċċa Matriċi ta' Santa Marija kellha f'idejha l-Belt u l-bqija kollu tal-gżira ta' Għawdex. Għalhekk din il-parroċċa nsibuha kontinwament imsejħa *"dictae insulae"* - "tal-imsemmija gżira (ta' Għawdex)".[87] Ta' min iżid jgħid hawn li f'dan iż-żmien tas-seklu ħmistax, din il-Knisja kienet ukoll diġà mżejna bit-titlu ta' Kolleġġjata. Dan nafuh minn dokument tal-1463 miżmum fil-Vatikan li fih naqraw li l-Papa Piju II kien qed jagħti lill-Kanonku Andrea Catalano *"canonico prebendato* ***Collegiate Ecclesie Beate Marie Terre Gaudisii melivetan(e)****"* - "kanonku prebendat tal-Knisja Kolleġġjata tal-Verġni Marija tal-Belt Għawdxija tad-djoċesi ta' Malta", il-prebenda tad-dieċmi li kienet ġiet vakanti bil-mewt tal-Kanonku Raimondo Navarra.[88] Fi kliem l-istorku Stanley Fiorini, li flimkien ma' Patri George Aquilina xandar għall-ewwel darba dan id-dokument importanti fl-2005, *"The significance of this document is that already in the fifteenth century, a good one and a half centuries before the Gozitan Matrix Church was elevated to the status of a collegiate in 1623[89], it had been endowed with a chapter of canons that came together at fixed times of the day to recite the liturgical hours in common."*[90]

Minbarra l-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija u t-tliet parroċċi l-oħra ta' barra l-Belt, kien hemm diversi knejjes oħra kemm fil-Belt, fir-Rabat u mxerrdin 'l hawn u 'l hinn mal-gżira ta' Għawdex. Imma, kif jgħidilna tajjeb l-istoriku Fiorini, *"The Matrice, however, was clearly the preferred church of most Gozitans."*[91] Tant huwa hekk li l-familji nobbli u għonja riedu kollha jindifnu fiha u ma damux ma bdew jibnu kappelli mal-ġnub tagħha għal dan il-għan. L-ewwel waħda li nafu biha kienet il-kappella tal-familja Navarra, iddedikata lill-Madonna ta' Loretu[92] li kienet lesta minn kollox f'April 1533[93]. Anke l-familji nobbli ta' Pontremoli[94] u Monpalau[95] ħasbu biex jibnu l-kappelli tagħhom fil-Matriċi u Kolleġġjata. Dik ta' Monpalau kienet diġà lesta f'Awwissu tal-1532[96] u kienet iddedikata lil Santa Luċija Verġni u Martri[97]. Ir-raba' kappella li nafu li biha kienet inbniet mill-familja Castelletta, kienet iddedikata lil Santa Katerina Verġni u Martri u fl-1544 ġiet deskritta bħala *"noviter fabricata et constructa."*[98]

## Ir-*Rollo* tal-Isqof De Mello

Tajjeb li hawn ngħidu kelma dwar il-*Quarternulus pro Concordia taxarum,* magħruf iktar bħala r-*Rollo* tal-Isqof Senatore de Mello de Noto[99], li serva bħala isqof tal-Gżejjer Maltin mill-1432 sal-1445. Dan għaliex dan id-dokument jkompli jgħinna nifhmu aħjar x'tip ta' rapport kien hemm bejn it-tliet parroċċi tar-Rabat u dik Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt.

Diġà għidna li sa mill-1435, il-knisja parrokkjali ta' Santa Marija kienet imsejħa bħala *Sancte Marie Matricis Ecclesie.* L-ebda waħda mit-tliet parroċċi li kien hemm fir-Rabat qatt ma ssejħet bit-titlu ta' *"Matricis ecclesie".* U r-*Rollo* tal-Isqof De Mello jista' jgħinna nifhmu aħjar din is-sitwazzjoni.

Mir-*Rollo* tal-isqof De Mello, li jġib id-data tal-1 ta' Lulju 1434, joħroġ biċ-ċar li fid-Djoċesi ta' Malta, li f'dawk iż-żminijiet kienet tinkludi fiha wkoll il-gżira ta' Għawdex[100], kien hemm distinzjoni ċara u preċiża bejn il-*"clerus melivetanus"* u l-*"clerus gaulisianus",* il-kleru ta' Malta u dak ta Għawdex. Jidher ċar ukoll li f'dawk iż-żminijiet it-tnejn kellhom *"prebendatos"* u *"beneficiatos"* u t-tnejn kienu jħallsu t-taxxa fuqhom. Iżda filwaqt li fost il-membri tal-*"clerus melivetanus"* - il-kleru ta' Malta - kien hemm *"contentio"* - qbil - dwar kif għandhom jitħallsu dawn it-taxxi, fost il-*"clerus gaulisianus"* - il-kleru ta' Għawdex - ma kienx hemm. Dan wassal biex inqalgħet kwistjoni bejn il-kleru ta' Malta u dak ta' Għawdex fuq id-*"donativum"*: it-taxxa kemm ċivili kif ukoll ekkleżjastika li kemm il-kleru ta' Malta kif ukoll dak ta' Għawdex kellhom iħallsu.[101] Il-kleru ta' Għawdex kien qiegħed joħroġ sehem ta' tnejn minn għaxra (2/10). Imma l-kleru ta' Malta ma qabilx dwar dan għaliex il-Maltin dehrilhom li l-Għawdxin ma kinux qegħdin joħorġu tnejn minn kull għaxra (2/10) imma tnejn minn kull tnax (2/12). U nqalgħet il-kwistjoni.

Fis-soluzzjoni li ħoloq biex isolvi din il-kwistjoni, l-Isqof De Mello, sa ċertu punt, ta raġun lill-kleru ta' Għawdex. Dan għaliex l-Isqof De Mello ddeċieda li t-taxxa kollha kellha tinqasam fi ħdax-il parti: tnejn jitħallsu mill-kleru ta' Għawdex u d-disgħa l-oħra jitħallsu mill-kleru ta' Malta.

Id-disa' partijiet li kellhom jitħallsu mill-Maltin aktarx li kienu joħorġu mill-*"cappelle"*[102] li kien hemm f'Malta. U xi ngħidu għaż-żewġ partijiet li kellhom jitħallsu mill-kleru ta' Għawdex? Aħna nafu li f'dawk iż-żminijiet bikrin il-premizji u l-għexur tal-kampanja Għawdxija kien jinqasmu bejn tnejn: nofs kienu tal-parroċċa Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt u n-nofs l-ieħor kien jinqasam bejn it-tliet parroċċi ta' barra mill-ħitan tal-Belt, tar-

Rabat. Mela allura l-loġika ġġegħilna nikkonkludu li dawn iż-żewġ partijiet ta' taxxa msemmija fir-*Rollo* tal-Isqof De Mello li kienu jmissu lill-kleru Għawdxi bdew jinqasmu bl-istess mod: nofs jitħallas mill-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija u n-nofs l-ieħor jinqasam bejn it-tliet parroċċi tar-Rabat. F'dan l-arranġament, imma, ma ninnutawx biss soluzzjoni prattika għall-kwistjoni tal-ħlas tad-*"donativum"*. F'dan l-arranġament ninnutaw ukoll kif kien ir-rapport bejn il-parroċċa ta' Santa Marija fil-Belt u t-tliet parroċċi l-oħra tar-Rabat, rapport ta' "parroċċa omm" u l-"parroċċi filjali" tagħha.

Bit-terminu "parroċċi filjali" hawnhekk qegħdin nifhmu dak li kienet tifhem il-Knisja Kattolika fl-antik: fi kliem William H. W. Fanning, *"(Latin filialis, from filia, daughter), a church to which is annexed the cure of souls, but which remains dependent on another church (...) this dependence on the mother church may be of various degrees..."*[103] U hemm diversi fatti storiċi li juruna li r-rapport ta' bejn it-tliet parroċċi tar-Rabat u dik Matriċi u Kolleġġjata tal-Belt kien tabilħaqq jaqbel ferm ma' dak kif deskritt minn dan l-awtur Fanning, jiġifieri rapport ta' parroċċi filjali mal-parroċċa "omm" tagħhom, kif wara kollox jagħtina x'nifhmu r-*Rollo* tal-Isqof de Mello. Insemmu, pereżempju, il-fatt li minkejja li t-tliet parroċċi tar-Rabat kienu parroċċi fil-veru sens tal-kelma, iċ-ċelebrazzjoni tal-magħmudija ma kinitx issir fihom imma fil-parroċċa ta' Santa Marija tal-Belt. Tant huwa hekk li fil-knejjes parrokkjali tar-Rabat ma kienx hemm il-fonti tal-magħmudija. U jekk kienet issir xi magħmudija hemmhekk, l-ilma biex jiġi ċċelebrat is-sagrament kien jinġieb mill-knisja Matriċi u Kolleġġjata tal-Belt. Insemmu wkoll li kull wieħed mill-kappillani tat-tliet parroċċi tar-Rabat kien jissejjaħ *"curatus parrochialis"* għad-differenza ta' dak ta' Santa Marija fil-Belt li nsibuh imsejjaħ dejjem bħala *"parrochus"*. Dan il-*"parrochus"* tal-parroċċa ta' Santa Marija kellu wkoll ċertu drittijiet li l-*"curatis parrochialis"* tar-Rabat ma kellhomx, bħal pereżempju d-dritt li jidfen lill-mejtin fil-knejjes u fiċ-ċimiterji kollha tar-Rabat. Dwar dan, pero', nitkellmu darb'oħra meta naslu għall-Viżta Apostolika ta' Monsinjur Pietru Dusina tal-1575.

**Is-sena 1551**

Dan il-kwadru li qegħdin nfasslu f'din il-kitba dwar il-ħajja f'Għawdex fis-sekli ħmistax u sittax ma jkunx komplut jekk ma nsemmux ukoll l-għawġ li l-Għawdxin kien ikollhom iħabbtu wiċċhom miegħu minn żmien għal żmien. L-ikbar għawġ kien bla dubju ta' xejn dak tal-attakki spissi mill-kursara. Ma ninsewx li, f'dawk iż-żminijiet, fil-Mediterran u fl-Ewropa kien hemm għaddejja gwerra politiko-reliġjuża qalila bejn il-qawwiet insara u dawk misilmin. Il-Gżejjer Maltin, minħabba l-pożizzjoni strateġika tagħhom, sabu ruħhom litteralment f'nofs din it-taqtigħa: *"in frontiera Infidelium Barbarorum"*[104]. Il-wasla f'Malta u Għawdex tal-Ordni ta' San Ġwann mhux talli ma naqqasx imma talli żied u ħarrax dawn l-attakki mill-qawwiet tal-imperu Ottoman u l-alleati tagħhom, il-kursara tal-Barberija, fuq il-Gżejjer Maltin. U dan seħħ b'mod partikulari fuq Għawdex.



Il-Ħadd 26 ta' Lulju 1551: ħafna Għawdxin ġew imkaxkra fil-jasar mit-Torok u l-kursara misilmin, immexxija minn Sinan Pasha, Turghut Reis (Dragut), u Kambil Bey. Fost dawk li ġew imkaxkra fil-jasar kien hemm Don Nicolaus Castelletti, il-*"parrochus"* tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt – L-Assedju l-Kbir ta' Għawdex tal-1551 f'pittura tal-artist Għawdxi l-Kav. PAOLO CAMILLERI CAUCHI, 1989. *(Ritratt ta' Daniel Cilia; ħajr lil Tiziana Castillo)*

Kif waslu fil-Gżejjer Maltin, il-Kavallieri ffukaw l-attenzjoni tagħhom fuq il-*Castrum Maris* - Kastell Sant'Anġlu - u fuq il-Birgu, f'Malta, u ppruvaw itejbu s-sitwazzjoni li sabu hemmhekk. Ma ninsewx li, kif għidna fuq, il-ħsieb tagħhom ma kienx li jibqgħu f'Malta imma li jerġgħu jirbħu lura l-gżira ta' Rodi. U, forsi minħabba f'hekk, ftit li xejn taw kas tal-bqija ta' Malta. Inqas u inqas taw kas ta' Għawdex li donnhom aktar kienu jħarsu lejh bħala post ta' eżilju jew kastig. Fil-fatt fl-1538, tmien snin wara l-wasla tal-Ordni f'Malta, l-istess kavallier Jean Parisot De Valette, li wara kellu jsir Granmastru ta' Malta u eroj tal-Assedju l-Kbir, kien għadda erba' xhur priġunerija fil-ħabs tal-Belt ta' Għawdex minħabba xi għemil kriminali li kien wettaq f'Malta.[105] Waħda mill-ftit novitajiet f'Għawdex li għamlu l-Kavallieri ta' San Ġwann, fl-ewwel snin tal-wasla tagħhom f'dawn il-Gżejjer, kienet dik li imponew wieħed minn tagħhom bħala l-*Capitano della Verga* tal-*Universitas Gaudisii*, ħaġa li ma tantx niżlet tajjeb mal-Għawdxin. Fil-fatt, il-Granmastru L'Isle Adam bagħat f'Għawdex lil Fra Giloramo de Aldovera li beda l-ħidma tiegħu bħala *Capitano della Verga* nhar l-1 ta' Diċembru 1530.[106]

Kif għidna fuq, mal-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann fil-Gżejjer Maltin fl-1530, l-attakki tal-kursara Torok f'Għawdex mhux talli ma naqsux imma saru iktar spissi. Insibu li l-kursari ħabtu għal Għawdex fl-1533, 1540, 1541, 1544, 1545, 1546, 1547, 1550... sakemm fl-aħħar wasal l-attakk il-kbir tal-1551. Tal-inqas, tmienja minn dawn l-attakki kienu mmexxija minn Turghut Reis, magħruf bħala Dragut.[107] Dan il-kursar Tork ta' nisel Grieg kien, bla dubju ta' xejn, l-iktar kursar qalil mal-Mediterran kollu[108] u Għawdex daq kemm-il darba l-qilla tiegħu. Hekk, pereżempju, fl-1540 Dragut niżel fuq Għawdex b'żewġ iġfna u f'lejla waħda kaxkar miegħu lejn l-eżilju ħamsin ruħ li dakinhar inzertaw 'il barra mill-ħitan tas-swar tal-Belt.[109] Erba' snin wara, fl-1544, l-istess Dragut ħabat mill-ġdid għal Għawdex b'għaxar iġfna. Imma f'dan l-attakk Dragut tilef lil ħuh li spiċċa maqtul waqt it-taqbid mal-Għawdxin li, immexxija mill-kaptan tal-gżira Fra Giovanni Ximenes, irreżistew lit-Torok u ġiegħluhom jirtiraw lura għal fuq l-iġfna tagħhom.[110] Ta' min isemmi hawn li dan l-attakk daħal fil-folklor Għawdxi. Leġġenda Għawdxija tgħid li Dragut talab lill-Għawdxin jagħtuh lura l-ġisem mejjet ta' ħuh biex jagħtih difna xierqa, kif inhu mitlub mir-reliġjon Musulmana.[111] Imma l-Għawdxin perrċu l-ġisem ta' ħuh minn fuq is-swar u tawh in-nar b'vendikazzjoni. Jingħad li meta Dragut ra din l-azzjoni ħażina sseħħ quddiem għajnejh, imtela' bir-rabja għall-Għawdxin. U qabel ma tela' lura fuq il-ġifen tiegħu biex jerġa' lura minn fejn kien ġie, Dragut ixxabbat ma' blata għolja ħdejn Ras il-Qala u hemm ħalef li ma jistrieħx qabel ma jeqred darba għal dejjem lill-Għawdxin. Minn dakinhar l-Għawdxin sejħu 'l din il-blata "il-Blata tal-Ħalfa", kif għadha tissejjaħ sal-lum.

Fl-1546 Dragut sar il-kap suprem tal-kursara tal-Barberija, wara l-mewt tal-kursar l-ieħor Barbarossa fl-4 ta' Lulju 1546.[112] Kien proprju f'dik l-istess sena li Dragut reġa' lura f'Għawdex u ħarbat l-għelieqi tal-bdiewa Għawdxin.[113] Is-sitwazzjoni f'Għawdex tant kienet ħżiena li Dragut kien prattikament jiġi u jmur kull meta jfettillu. Hekk, pereżempju, fil-15 ta' Lulju 1550 Dragut waqaf Għawdex fi triqtu lura lejn il-kosta tal-Barberija u għabba fuq l-iġfna tiegħu l-ilma għax-xorb li kellu bżonn mingħajr ma sab reżistenza minn ħadd.[114] Kien proprju għal din ir-raġuni li l-*Universitas* ta' Għawdex, permezz ta' bandu, obbligat lill-Għawdxin kollha biex jgħaddu l-lejl 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt, l-iktar tul ix-xhur ta' bejn Mejju u Ottubru meta, minħabba l-baħar bnazzi, l-attakki mill-kursara kienu jkunu iktar spissi.[115]

U hekk naslu għas-sena 1551, is-sena li fiha Għawdex għadda minn waħda mill-agħar esperjenzi tiegħu. Fis-sajf ta' dik is-sena, flotta mdaqqsa ta' iġfna Torok u oħrajn tal-kursara misilmin mill-Afrika ta' Fuq, immexxija minn Sinan Pasha li kien mgħejjun minn Dragut u Kambil Bey, kellha taħbat l-ewwel għall-bażijiet navali li l-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom mal-kosta ta' Sqallija u mbagħad iddur għal Malta u Għawdex. Minn hemm kellha tibqa' sejra lejn il-belt ta' Tripli li, kif għidna fuq, fl-1530 kienet ġiet mogħtija mill-impertur Karlu V lill-Kavallieri ta' San Ġwann. Diversi awturi jsostnu li l-iskop prinċipali ta' Sinan Pasha kien proprju dak li jkeċċi lill-Kavallieri minn Tripli. Imma biex jagħmel dan dehrlu li jkun strateġikament aħjar jekk qabel jattakka lil Sqallija u lil Malta biex il-Kavallieri ma jkunux jistgħu jibagħtu l-għajnuna minn hemm għad-difiża ta' Tripli.[116]

Il-Viċirè ta' Sqallija Giovanni de Verga kien għarraf lill-Granmastru ta' Malta ta' dak iż-żmien, Fra Juan de Homedes y Coscon, bil-periklu li fih kienu jinsabu l-Gżejjer Maltin.[117] Imma dan il-Granmastru, li fi kliem l-istoriku Giacomo Bosio, kien *"di animo alquanto basso e rimesso"* u iktar inklinat *"alle quieta e spirituale vita che all' attiva e temporale"*[118], m'għamel kważi xejn biex itejjeb id-difiża tal-Gżejjer Maltin fi żmien daqstant diffiċli. Iktar u iktar ma għamel xejn għall-ħarsien ta' Għawdex u tal-Għawdxin.[119] Jgħidilna L'Abbe de Vertot, li kiteb l-istorja tal-Ordni ta' San Ġwann fl-1728, *"The people of Gozo were still more neglected (...) and when the poor inhabitants of that little island sent their wives and children to Malta, in two barks for their greater security, the grand master (...) would not suffer them to land (...) he went so far as to threaten to sink them, if they offered to come near the port. In short, all these women with their little children were forced to return to Gozo..."*[120]

Intant, fil-bidu ta' Lulju 1551, it-Torok ħabtu għall-belt ta' Augusta, fuq il-kosta tal-Lvant ta' Sqallija, fejn il-Kavallieri kellhom bażi navali importanti. Il-qawwa Torka kienet ferm iktar b'saħħitha mid-difiża tal-belt li malajr sfat mirbuħa u mħarbta. Ħafna mill-abitanti tagħha spiċċaw fil-jasar.[121] Minn hemm, imbagħad, Sinan Pasha dar għall-Gżejjer Maltin. L-iġfna Torok dehru fuq ix-xefaq ta' Malta nhar it-18 ta' Lulju. Kien hemm b'kollox 145 ġifen. F'dak l-istess jum it-Torok żbarkaw f'Marsamxett u bdew resqin lejn l-Imdina biex jattakkawha.[122] Imma l-Maltin, minn wara s-swar tal-Imdina, taw l-impressjoni li l-belt tagħhom kienet ferm iktar b'saħħitha milli filfatt kienet. U t-Torok qatgħu qalbhom u, nhar il-21 ta' Lulju, irtiraw lejn ix-xwieni tagħhom.[123]

Dragut, li kif għidna qabel kien midħla sewwa ta' Għawdex, ikkonvinċa lil Sinan Pasha biex dak li ma setax jagħmel mal-Imdina ta' Malta jagħmlu mal-Imdina ta' Għawdex. L-għada, it-22 ta' Lulju, it-Torok resqu lejn Għawdex, żbarkaw fil-port tal-Imġarr, u bdew resqin lejn il-Belt. Kif waslu taħt is-swar tagħha, ħarbtu u okkupaw is-subborg, ir-Rabat, u bdew ilestu ruħhom għat-taqbid. Qiegħdu nofs il-kanuni li kienu ġabu magħhom biswit il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u n-nofs l-ieħor fl-inħawi ta' Triq Putirjal. Min-naħa l-oħra, id-difiża tal-Belt tal-Għawdxin kienet waħda ferm fqira. L-istoriku Bosio jgħidilna li kien hemm *"un sol Bombardiero Inglese trovato nel Castello"* - kien hemm bumbardier wieħed biss biex jispara l-kanuni tal-Belt.[124] Il-biża' ma damx ma ħakem lill-Għawdxin maqfula wara l-ħitan tal-Belt tagħhom tant li matul il-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Lulju madwar tliet mitt Għawdxi ħarbu mill-belt billi ddedndlu bil-ħbula mas-swar li jħarsu lejn it-Tramuntana.[125]

Jgħidilna l-Bosio li l-attakk fuq il-Belt ta' Għawdex beda l-Ġimgħa 24 ta' Lulju, *"mez'hora inanzi al giorno"* - nofs siegħa qabel sbieħ il-jum - u *"andò sempre con gran furia, e con fracasso continuando fin alla seguente Domenica"* - u kompla bi ħruxija kbira sal-jum tal-Ħadd.[126] Il-*Capitano della Verga*, li issa kien beda jissejjaħ il-Gvernatur ta' Għawdex, Fra Galatiano de Sesse, permezz tal-patri Agostinjan Bartolomeo Bonavia, ipprova jinnegozja ftehim mat-Torok. Imma Sinan Pasha, li allura ħass li kellu r-riħ fil-qala', aċċetta li jħalli biss erbgħin ruħ ħielsa jekk il-Gvernatur iċedi l-Belt bil-kwiet. Nhar il-Ħadd 26 ta' Lulju de Sesse ordna li jinfetħu l-bibien tal-Belt. Kif daħlu 'l ġewwa mill-ħitan tal-Belt, it-Torok ħallew erbgħin xiħ u xwejħa Għawdxin jitilqu ħielsa, biex jonoraw il-ftehim li kienu għamlu ma' de Sesse, u mbagħad farrku kull ma sabu quddiemhom u kaxkru l-bqija tal-popolazzjoni ta' Għawdex fil-jasar: *"settecento Huomini condotti furono (...) E da cinque in sei mila Anime, frà Donne, e Fanciulli."*[127] Minn Għawdex, it-Torok baqgħu sejrin għall-belt ta' Tripli u, fil-15 ta' Awwissu tal-1551 il-kavallieri li kien hemm, immexxija minn Fra' Gaspard de Vallier, ċedew u t-Torok ħadu f'idejhom lil din il-belt.[128]

Il-ġrajja tal-attakk fuq Għawdex tal-1551 baqgħet ħajja fil-memorja tal-Għawdxin tant li l-Bosio, li kien qed jikteb fl-ewwel snin tas-seklu sbatax, jgħid: *"Dicono, e raccontano ancor hoggidì i vecchi Gozitani, con gran Passione della rovina della Patria loro..."*[129] Fost dawk li ġew imkaxkra fil-jasar kien hemm il-Gvernatur de Sesse innifsu. Kien hemm ukoll bosta membri tal-kleru, fosthom Don Nicolaus Castelletta, il-*"parrochus"* tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt, u Don Laurentius de Apapis, il-*"curatus parrochialis"* tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fis-subborg tal-Belt.[130] Xi wħud, bħal Don de Apapis, irnexxielhom jeħilsu mill-iskjavitu u jirritornaw lejn Għawdex. Mhux l-istess jista' jingħad għall-*"parrochus"* tal-parroċċa ta' Santa Marija fil-Belt. Filfatt Don Castelletta miet fil-jasar għax ma felaħx għall-moħqrija li ġarrab, flimkien ma' bosta Għawdxin oħra, parruċċani tiegħu, li ma kellhomx mezzi biżżejjed biex jifdu lilhom infushom jew jiġu mifdija minn ħaddieħor.

Ta' min iżid hawn li dan il-*"parrochus"* Don Nicolaus Casteletta, li ħalla ħajtu għal u mal-parruċċani tiegħu, dalwaqt ser jiġi mfakkar kif inhu xieraq permezz ta' pittura f'waħda mil-lunetti tal-koppletta tal-Kappella tar-Relikwi (imsejħa wkoll "tas-Salvatur") li nsibu fil-Katidral, fuq in-naħa tal-lemin tal-altar maġġur. It-tliet lunetti l-oħra ser ifakkru tliet persunaġġi oħra storiċi marbuta ma' ġrajjiet din "il-Parroċċa ta' Għawdex". Dawn ix-xbihat ser ikunu tal-*"parrochus"* Raymundus Mannara, l-ewwel mexxej tal-Matriċi li nafuh b'ismu, ta' Gian Piet Frangisk Agius de Soldanis, il-kanonku tal-Matriċi u l-istoriku ta' Għawdex li semmejna kemm-il darba f'din il-kitba, u tal-arċipriet u l-patrijott Għawdxi Saverio Cassar li mexxa lill-Għawdxin kontra l-okkupazzjoni tal-Franċiżi bejn l-1798 u l-1801[131].

Wara l-attakk tal-1551, ir-Rabat kien ħerba waħda. M'hemmx dubju li t-tliet knejjes parrokkjali tar-Rabat kienu fi stat ta' tiġrif, minbarra li kienu wkoll tbattlu mill-parruċċani tagħhom li ħafna minnhom spiċċaw ilsiera u 'l bogħod minn art twelidhom. Xi wħud minn dawk li ħelsuha minn idejn it-Torok ħarbu 'l bogħod minn Għawdex. U dak li qed ngħidu għar-Rabat, nistgħu ngħiduh ukoll għat-*"terra"*, għall-Belt. M'hemmx dubju li hawn ukoll it-Torok ħallew tifrik kbir warajhom. Il-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija ġarrbet ħsarat kbar f'dan l-attakk u, kif għidna fuq, tilfet lill-*"parrochus"* tagħha u ħafna mill-parruċċani tagħha li, bħalu u miegħu, spiċċaw fil-jasar.

Imma l-Għawdxin tal-imgħoddi kienu nies qalbiena. Dawk li kien baqa' Għawdex ma qatgħux qalbhom u bla telf ta' żmien xammru l-kmiem u bdew jibnu mill-ġdid fuq it-tifrik u l-ħerba li kienu ħallew warajhom l-għedewwa. U m'hemmx dubju li r-rikostruzzjoni ta' Għawdex wara l-attakk u l-ħerba tal-1551 bdiet mit-*"terra"* - mill-*"oppidulum"* f'nofs il-gżira - u mis-*"Sancte Marie Matricis Ecclesie"* li kien hemm wieqfa f'nofs il-Belt, *"la parrocchia di questa Isola del Gozzo"*[132] - il-parroċċa ta' Għawdex.

*Dwar dan, però, nitkellmu darb'oħra.*

## *Referenzi:*

[1] G. AQUILINA - S. FIORINI (eds), *Documentary Sources of Maltese History (=D.S.M.H.) Part IV, Documents at the Vatican No. 1, Archivio Segreto Vaticano, Congregazione Vescovi e Regolari, Malta: Visita Apostolica no. 5, Mgr Petrus Dusina*, Malta 2001, 228.

[2] Ibid., 135.

[3] Don Antonius Attard serva ta' kappillan tal-parroċċa ta' Santa Marija fil-Belt ta' Għawdex mill-1569 sal-1603. Ara V. Borg, *Melita Sacra II. The Maltese Diocese during the Sixteenth Century*, Malta 2009, 139-141.

[4] *D.S.M.H. Part IV, Documents at the Vatican No. 1, Archivio Segreto Vaticano, Congregazione Vescovi e Regolari, Malta: Visita Apostolica no. 5 Mgr Petrus Dusina*, 228.

[5] Nota: Ħajr lill-istoriku Għawdxi Mons Joe Bezzina tas-suġġerimenti siewja li tani fil-kitba ta' dan l-artiklu.

[6] G. LE STRANGE, *Palestine Under the Moslems: A Description of Syria and the Holy Land from A.D. 650 to 1500, London* 1890, 453.

[7] H.J.A. SIRE, *The Knights of Malta*, Connecticut 1994, 24.

[8] J.P. KINROSS, *The Ottoman Centuries: The Rise and Fall of the Turkish Empire*, New York 1977, 176

[9] C. CASSAR, *Society, Culture and Identity in Early Modern Malta*, Malta 2000, 30.

[10] G. BOSIO, *Dell'Istoria della Sacra Religione et Illustrissima Militia di San Giovanni Gierosolimitano*, parte III, 2da impressione, Napoli Venezia 1684, 28.

[11] H. VELLA: "The Report of the Knights of St. John's 1524 Commission to Malta and Quintinus' Insulae Melitae Descriptio" in *Melita Historica* 8 (1983) 4, 319-324.

[12] A. HOPPEN, *The Fortification of Malta by the Order of St John 1530-1798*, 2nd ed, Malta 1999, 5.

[13] J. ABELA, *Hospitaller Malta and the Mediterranean economy in the sixteenth century*, Woodbridge 2018, 45.

[14] J. GALEA, "The Donation of Malta to the Order of St. John: An erroneous date" *in Scientia* 18 (1952), 178-179.

[15] G. BOSIO, *op. cit.* 89;Ara wkoll W. PORTER, *A History of the Knights of Malta, or the Order of St. John of Jerusalem*, London 1883, 420.

[16] G.F. ABELA, *Della Descrizione di Malta isola nel Mare Siciliano: con le sue antichità, ed altre notizie*, Malta 1647, 293.

[17] G. P. F. AGIUS DE SOLDANIS, *Il Gozo Antico-moderno e Sacro-profano, Isola Mediterranea adiacente a Malta Africana*, Librerija Pubblika ta' Għawdex (1746), tradott għall-Malti minn G. FARRUGIA, *Għawdex bil-ġrajja tiegħu*, I, Malta 1936, 77.

[18] H. VELLA, "The Report of the Knights of St. John's 1524 Commission to Malta and Quintinus' Insulae Melitae Descriptio", 320-321.

[19] Għal din ir-riċerka tagħna, aħna wżajna *microform* ta' dan id-dokument li tinsab fin-New York Public Library, 5th ave, New York City, NY., USA. Dan id-dokument importanti ġie wkoll tradott għall-Ingliż b'kummentarju miegħu - Ara H.C.R. VELLA, *The Earliest Description of Malta (Lyons 1536)*, Malta, 1980.

[20] Jean Quintin itemm il-kitba tiegħu b'dawn il-kelmiet: *"Melitae XX.die Ianuarii, qui mihi sacer et natalis est.* M.D.XXXIII." Ara J. QUINTIN, Insulae Melitae descripti, Lyons 1536, 22.

[21] M. AGIUS-VADALÀ - A. GANADO, *The Pre-Siege Maps of Malta 1536-1563*, Malta 1986, mhux ippaġnat.

[22] J. QUINTIN, op. cit., 20-21.

[23] Dwar din l-iskrizzjoni ta' żmien ir-Rumani, ara G. AZZOPARDI, "The Vallii in Gozo" in *Melita Historica* 14 (2005), 231-238.

[24] Nhar l-10 ta' Ġunju 1887, kif naqraw fil-*Government Notice* No 75 maħruġa minn Sir John Lintorn Arabin-Simmons, Gvernatur ta' Malta u ppubblikata fil-Malta Government Gazette, ir-reġina Victoria tal-Ingilterra laqgħet it-talba tal-isqof ta' Għawdex ta' dak iż-żmien Mons. Pietru Pace, tal-membri tal-kapitlu tal-Katidral, u ta' persuni distinti oħra Għawdxin u estendiet il-Belt ta' Għawdex miċ-Ċittadella għar-Rabat kollu li sa dakinhar kien għadu s-subborg tal-Belt: "(The Queen) *has been graciously pleased to consent to the town of Rabat in that island being, on the occasion of Her Majesty's Jubilee, officially declared a City and its name changed into that of Victoria."* Ara: A.M. SALIBA, "Anniversarju - 720 sena ilu. Il-Vjatku u t-Testment ta' Guglielmo di Malta" in *Festa Santa Marija 2019, Victoria Għawdex*, 103.

[25] Is-swar li hemm illum inbnew fi żmien il-Granmastru Alof de Wignacourt fil-bidu tas-seklu 17 taħt il-ħarsien tal-Inġinier tal-Ordni Giovanni Rinaldini u ta' Vittorio Cassar. Ara A HOPPEN, op. cit., 192. Ara wkoll V. MALLIA-MILANESE, "In search of Vittorio Cassar - A documentary approach" in *Melita Historica* 9 (1986), 247-269.

[26] G. BOSIO, op. cit, 31.

[27] A. F. LUCINI - N. ALLEGRI - M. DA LECCIO, *Disegni della guerra, assedio et assalti dati dall'armata turchesca all'isola di Malta l'anno MDLXV, sotto il governo di Fr. Gio.Parisotto di Valletta, Gran Maestro, dipinsi già nella gran sala del - 15 - palazzo di Malta da Matteo Perez d'Aleccio et hora intagliati... da Anton Fran(ces)co Lucini Fiorent(in)o, Roma 1631*, mhux ippaġnat.

[28] J. BEZZINA - D. CILIA (eds.), *The Gozo Cathedral. Its History and Treasures*, Malta 2017, 17.

[29] C. CINI (ed), *Gozo the Roots of an Island*, Malta 1990, 29.

[30] Prova ċara tal-preżenza ta' dawn in-nies fuq l-għolja taċ-Ċittadella huma l-għadd ta' silos jew ħofor qishom bjar żgħar li f'dawk iż-żminijiet bikrin kienu jintużaw għall-ħażna tal-ikel jew għall-ħażna tal-irmied wara l-kremazzjoni tal-mejtin. L-istorjografu u arkeologu A.A. Caruana ħaseb li dawn is-silos kienu Columbarium ruman. Ara A.A. CARUANA, *Ancient Pagan Tombs and Christian Cemeteries in the Island of Malta explored and surveyed from the year 1881 to the year 1897*, Malta 1898, 75. Illum nafu li dawn huma fdalijiet ta' Żmien il-Bronż.

[31] J. BEZZINA - D. CILIA (eds.), op. cit., 21-25.

[32] C. CINI (ed), op. cit., 31.

[33] Ibid., 33.

[34] Ibid., 34.

[35] G. AZZOPARDI, *The Extramural Necropolis of Gaulos*, Malta 2007, 7.

[36] C. DALLI, *Malta the Medieval Millennium*, Malta 2006, 31.

[37] Ibid., 53.

[38] G. WETTINGER, *Place Names of the Maltese Islands ca. 1300 - 1800*, Malta 2000, 30 u 367.

[39] Ibid., 452.

[40] D.A. AGIUS, *Siculo Arabic*, New York 1996, 252. Ara wkoll F. STEINGASS, *Arabic-English Dictionary*, New Delhi 2005, 398.

[41] A. LUTTRELL, "Gilberto Abbate's report on Malta: circa 1241" in *Proceedings of History Week 1993*, 28.

[42] *"E com aço fo feyt, anassen a la illa del Goy, e combate la vila, e hach lo raval tantost, e com lo raval hach haut e vol combatre la vila, reterense al senyor rey, e per ell En Roger entra dins a reebre sagrament e omenatge, e llexa li per guarda del castell, qui es ab la vila ensemps, c cathalans."* Ara: *Cronica D'En Ramon Muntaner ab un prefaci per Joseph Coroleu corresponent de la Academia de la Historia*, Barcellona 1886, 166.

[43] C.A. GARUFI, "Margarito di Brindisi, conte di Malta e ammiraglio del re di Sicilia" in *Miscellanea di Archeologia, Storia e Filologia dedicata al Prof. Antonino Salinas*, Palermo 1907, 273-282.

[44] J. BUSUTTIL - S. FIORINI - H.C.R. VELLA, *Tristia ex Melitogaudo*, Malta 2010, 113.

[45] H. BRESC, "Malta dopo il Vespro Siciliano" in *Melita Historica* 6 (1974) 3, 313-321. Ara wkoll A.M. SALIBA, op. cit., 101-109 - **Errata Corrige:** Id-data li hemm fir-referenza għall-Melita Historica li nsibu f'dan l-artiklu (paġna 101)għandha tkun **1974** u mhux 1975 kif hemm miktub bi żvista.

[46] A.M. SALIBA, op. cit., 105.

[47] Ibid., 106.

[48] J. BEZZINA, "Għawdex Kristjan fit-Tieni kwart tas-Seklu Tnax" in *Il-Għid tal-Assunta*, 45 (Awwissu 2010), 6-11.

[49] L-awtur tat-*Tristia et Melitogaudo* ġie identifikat ma' Eugenio di Palermo, li aktarx hu l-istoriku u kronologu magħruf Hugo Falcandus li kien eżiljat f'Għawdex mir-Re Ruġġieru II.

[50] J. BUSUTTIL - S. FIORINI - H.C.R. VELLA, op. cit., ivii.

[51] *"This explains the singular position occupied by the principal church of the Virgin on Gozo who has been consistently referred to as Matrix from its earliest mention in the record till the present (...) the term Matrix can have several meanings one of which, significantly, is that of an Ecclesia Cathedralis. (...) Little wonder if this church in the Gozo acropolis served as seat for the bishop of these islands for several decades after 1091 till the transfer of the See to Malta."* Ara: Ibid., xcvii.

[52] Skont Stanley Fiorini, *"Giliberto Abate's report of c. 1241 (...) shows that by that year, the Christian population of Gozo constituted a staggering 56 per cent of the total, in contrast to the paltry corresponding figure of 16 per cent for Malta."* Ara S. FIORINI, "Gozo, Malta, and Christian continuity" in The Times of Malta, 25/4/2010.

[53] S. FIORINI, "Sibilla D'Aragona and the Foundation of the Saqqajja Benefice on Gozo" in *Melita Historica* 12 (1999) 4, 367-372.

[54] M. BUHAGIAR, "The Re-Christianisation of Malta: Siculo-Greek Monasticism, Dejr Toponyms and Rock-Cut Churches" in *Melita Historica*, 13 (Malta, 2002), 283.

[55] Illum din il-knisja hija ddedikata lill-Kunċizzjoni. Kien l-Isqof Baldassare Cagliares li fl-1615 biddlilha t-titular minn Santa Marija Assunta għall-Immakulata Kunċizzjoni. Ara G. P. F. AGIUS DE SOLDANIS, op. cit, II, 95. Ara wkoll A. BUTIGIEG, *Ġrajjiet il-Qala* (1980) u E. MAGRI, *Cenni Storici sul Santuario Nazionale di S. Maria tal Qala in Gozo*, Malta, 1905.

[56] A. CASSOLA, *Malta. People, Toponomy, Language (4th century BC - 1600)*, Malta 2011, 59

[57] J. BEZZINA, *Gozo's Government: The Autonomy of an Island through History*, Malta 2005, 38-40.

[58] In-numru ta' dawn il-ġurati varja matul is-snin: fil-bidu kienu tnejn, iktar tard, in-numru tagħhom tela' minn tlieta sa erbgħa.

[59] S. FIORINI, "The Municipial Councils in the Maltese Islands: 1530-1800" in *The Making and Unmaking of the Maltese Universitas (A Supplement of Heritage), Malta 1993, 13-22.*

[60] Kien fl-1661 li l-"Banca Giuratale" niżlet mill-Belt għar-Rabat, fit-Tokk, fejn għadha sal-lum. Ara J. BEZZINA, *Gozo's Government - The Autonomy of an Island through History*, Malta 2005, 50.

[61] S. FIORINI, "The Fortification and Defence of Gozo down to 1551" in *Symposium Melitensia* No. 4, Malta 2007, 140.

